# Fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Malta)
# Onor. Imħallef Dr. Doreen Clarke LL.D

## Rikors Numru 1031/2023 DC

***Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana***

***vs***

***Martin Hans Ellis***

## Illum 9 ta' Mejju 2024

## Il-Qorti

Rat **ir-Rikors tal-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana** ppreżentat fit-12 ta' Settembru, 2023 permezz ta' liema ppremetta:-

*Illi d-Direttiva tal-Kunsill 2010/24/UE dwar l-Assistenza Reċiproka għall-Irkupru ta' Talbiet li għandhom x'jaqsmu ma' Taxxi, Dazji u Miżuri Oħra tas-16 ta' Marzu 2010, tippromwovi u tirregola l-kollaborazzjoni bejn Stati Membri fir-rigward ta' irkupru ta' taxxa u/jew dazju dovuta minn debituri ta' Stat Membru partikolari li jinsabu f'territorju ta' Stat Membru ieħor, u miżuri oħra;*

*Illi din id-Direttiva ġiet implimentata fil-Liġi ta' Malta permezz tal-Ordni ravviżat fl-Avviż Legali Nru. 153 tas-sena 2012 liema Avviż Legali daħal fis-seħħ fl-ewwel (1) ta' Jannar 2012 u jippermetti lil Ministru responsabbli għall-Finanzi u x-Xogħol, bħala l-awtorità kompetenti, sabiex jiġbor taxxa dovuta fi Stati Membri oħra fejn id-debitur jinsab ġewwa Malta;*

*Illi ai termini tad-Direttiva imsemmija, l-awtorità kompetenti Daniża, ossija l-awtorita` applikanti, għamlet talba għall-assistenza lill-esponent Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana, f'isem il-Ministru responsabbli għall-Finanzi u x-Xogħol sabiex l-esponent jirkupra taxxa li hi dovuta lill-istess awtorita` applikanti;*

*Illi l-intimat għandu taxxa dovuta lill-awtorita` applikanti Daniża fl-ammont ta' miljun, sitt mija, tnejn u għoxrin elf, ħames mija, erbgħa u tmenin u sitta u disgħin Krona Daniża (DKK 1,622,584.96) li huma ekwivalenti għal mitejn u sbattax-il-elf, tmien mija u wieħed u tmenin Ewro u ħamsa u erbgħin ċenteżmi (€217,881.45), kif jidher mill-Istrumenti Uniformi li jippermettu Infurzar hawn annessi u immarkati bħala Dok. 'A', Dok. 'B', Dok. 'Ċ', Dok. 'D' u Dok. 'E', oltre interessi skont il-liġi;*

*Illi l-intimat huwa indikat li jinsab ġewwa Malta u għalhekk l-esponent qed jipproċedi sabiex jirkupra l-ammont hawn fuq imsemmi stante li l-imsemmi dejn qed jitqies daqslikieku kien dejn dovut lill-Gvern ta' Malta ai termini tal-Artikolu 9 tal-imsemmi Avviż Legali;*

*Illi l-esponent hu sodisfatt illi fir-rigward ta' din it-talba ta' irkupru ġew imħarsa r-rekwiżiti relevanti kollha tal-imsemmija Direttiva;*

*Illi, madanakollu, l-intimat għandu dritt għal traduzzjoni tal-istess dokumenti annessi f'waħda mill-lingwi uffiċċjali tal-Unjoni Ewropea jew ta' Malta. Fir-rigward ta' dan qiegħed jiġi allegat dokument ma' dan ir-rikors, u immarkat bħala Dok. 'F' sabiex l-intimat ikun speċifikament infurmat illi tali rikjesta għandha ssir fi żmien sebat (7) ijiem mid-data ta' notifika ta' l-imsemmija dokumenti annessi.*

U **wara li hekk ippremetta talab** li ai termini tas-subartikoli 9(6)(7) ta'l-imsemmi Avviż Legali;

- f'l-ewwel lok tordna li kopja tar-rikors flimkien mad-dokumenti annessi miegħu jiġu notifikati lill-intimat; u
- fit-tieni lok tordna r-reġistrazzjoni ta'l-istess dokumenti sabiex jikkostitwixxu titolu eżekuttiv.

Rat id-Digriet tagħha tat-12 ta' Settembru 2023 permezz ta' liema, fil-waqt li appuntat ir-rikors għas-smigħ għas-seduta tas-27 ta' Settembru 2023, ordnat lir-rikorrent biex jippreżenta kopja ta'l-ordni li bis-saħħa tiegħu ġie

maħtur sabiex jaġixxi bħala awtorita kompetenti f'isem il-Ministru responsabbli għall-Finanzi skond l-artikolu 4 ta'l-Avviż Legali 153 tas-sena 2012, u ordnat ukoll in-notifika lill-intimat b'kopja tar-rikors u d-dokumenti kollha annessi miegħu.

Rat li peremzz ta' nota datata 3 ta' Ottubru 2023 ir-rikorrent preżenta l-ordni bil-miktub li bis-saħħa tiegħu ġie maħtur sabiex jaġixxi bħala awtorita kompetenti f'isem il-Ministru responsabbli għall-Finanzi.

Rat li l-intimat ġie debitament notifikat bir-rikors promotur u d-dokumenti annessi miegħu f'l-20 ta' Ottubru 2023.

Rat **ir-risposta ta'l-intimat** ippreżentata fis-7 ta' Novembru, 2023 permezz ta' liema eċċepixxa:-

*L-esponenti joġġezzjona għall-enfurzar ta' l-istrumenti uniformi de quo u dan għal diversi raġunijiet, fosthom is-segwenti:*

1. *Qabel xejn jeħtieġ li l-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana jipproduċi prova li għandu l-awtorità sabiex jipproċedi skont il-proċedura de quo.*

2. *Fit-tieni lok, il-proċedura odjerna jilledi d-drittijiet tal-Konvenut għal smigħ xieraq peress li ma ingħatat l-ebda spjegazzjoni dwar il-pretenzjonijiet tat-taxxa mresqa fil-proċeduri odjerni u għaldaqstant mhuwiex possibbli għall-Konvenut li jirregola l-pożizzjoni tiegħu u d-difiża tiegħu minħabba n-nuqqas ta' spjegazzjoni tal-imsemmija pretensjonijiet magħmula mill-Awtoritajiet tat-Taxxa Daniżi.*

3. *Fit-tielet lok l-awtorità Rikorrenti għandu jġib evidenza ta' l-instrumenti li jippermettu tali l-infurzar fid-Danimarka u li dawn kienu notifikati b'mod xieraq lill-Konvenut.*

4. *Fir-raba' lok il-Konvenut jiddikjara li huwa qed jikkontesta t-talbiet imqajma fir-rikors u n-notifika (jew fin-nuqqas tagħhom) tal-istess talbiet u jirriserva d-dritt tiegħu li jagħmel talbiet u sottomissjonijiet ulterjuri fil-liġi u fil-fatt hekk kif jingħata d-dokumenti rilevanti relatati ma' l-imsemmija talbiet.*

5. *Fil-ħames lok, it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt.*

6. *Il-Konvenut jinnota li permezz ta' dan ir-rikors l-awtorità Rikorrenti qed tipprova tinforza diversi strumenti uniformi, liema strumenti huma kollha distinti u indipendenti minn xulxin u għalhekk kull strument għandu jitqiesu bħala azzjoni differenti mill-oħrajn.*

7. *Illi bla preġudizzju għal premess fir-rigward tal- 'Uniform Instrument' esebit bħala Dok. A,li jirrigwarda talba datata 31/12/2008 u allegatament dovuta fl-2010 għal ammont sinifikanti. Din it-talba qed tiġi miċħuda għar-raġunijiet li ġejjin:*
   a) *It-talba hija preskritta skont il-liġi.*
   b) *L-awtorità Rikorrenti għandha turi u tipprova li ħadet passi pożittivi u konkreti sabiex tinnotifika lill-Konvenut bit-talba msemmija.*
   c) *L-infurzar għandu wkoll jiġi rrifjutat a bażi tal-fatt li għaddew aktar minn 10 snin, hekk kif imsemmi fil-proviso finali tal- Artikolu 18(2) tad-Direttiva Tal-Kunsill 2010/24/UE tas-16 ta' Marzu 2010 dwar l-assistenza reċiproka għall-irkupru ta' talbiet relatati ma' taxxi, dazji u miżuri oħra. Jigi rilevat li r-raġuni għaliex din id-Direttiva tagħmel tali limitazzjoni għall-eżekuzzjoni tat-talbiet hija propju għall-protezzjoni tad-dritt fundamentali tal-Konvenut għal smiegħ xieraq peress li d-dewmien fit-teħid ta' azzjoni jippreġudika d-dritt tal-Konvenut li jġib l-evidenza rilevanti sabiex jikkontesta t-talba. F'dan ir-rigward ta' min jinnota wkoll li l-possibbiltà li titressaq talba aktar minn 10 snin wara li kienet allegatament dovuta tikser l-Artikoli 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal- Unjoni Ewropea.*
   d) *Lanqas ma hemm prova waħda li kien sar xi tentattiv mill-Awtoritajiet*
   *sabiex jenforzaw il-pretenzjoni taghhom fi Danimarka.*

8. *Illi bla pregudizzju għal premess l-istrumenti uniformi l-oħra esebiti bħala Dok. B 'il quddiem filwaqt li huma dwar talbiet naxxenti wara l-2019 iżda li kollha kemm huma, jikkonċernaw somom insinifikanti taħt it-tletin (30) euro kull waħda u dawn it-talbiet jimponu spejjeż sinifikanti fuq il-konvenut bla bżonn. Ghaldaqstant, hekk kif espress f'Artikolu 18(3) tad- Direttiva, l-assistenza għandha tiġi miċħuda peress li l-ammont totali ta' dawn l-istrumenti hija ferm inqas minn 1,500 Euro.*

9. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Semgħet il-provi u s-sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat-l-atti proċesswali.

Ikkunsidrat

Illi permezz tal-proċeduri odjerni r-rikorrent qieghed, ai termini ta'l-artikolu 9 ta'l-Avviż Legali 153 tas-sena 2012 (L-Ordni dwar l-Assistenza Reċiproka għall-Irkupru ta' Talbiet li Għandhom x'jaqsmu ma' Taxxi, Dazji u Miżuri Oħra)[1], jitlob li l-Qorti:

- tinnotifika lill-intimat bir-rikors u d-dokumenti annessi miegħu; u
- tordna r-reġistrazzjoni tal-istess dokumenti sabiex tali dokument jiġi dikjarat titolu eżekuttiv.

Illi skond l-artikolu 9 ta'l-Avviż Legali[2]:

> *(5) L-awtorità rikjesta, meta tirċievi l-istrument li jippermetti l-infurzar, tista' titlob lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, ... ... permezz ta' rikors,* ***biex tordna r-reġistrazzjoni tal-imsemmi dokument****, u biex* ***tiddikjara li r-rekwiżiti rilevanti tad-Direttiva jkunu ġew imħarsa****. It-talba għandha tiġi speċifikata fil-munita Maltija.*
>
> *(6) Il-Qorti* ***għandha*** *tordna li kopja tal-imsemmi rikors u tad-dokument għandhom jiġu notifikati lid-debitur u lil kull parti oħra indikata fir-rikors.*
>
> *(7) Il-Qorti* ***għandha*** *tordna r-reġistrazzjoni tad-dokument in kwistjoni, u d-dokument għandu jikkostitwixxi titolu eżekuttiv.*[3]

Illi minn dawn id-dispożizzjonijiet jidher li r-rwol tal-Qorti rinfaċċjata b'talba bħal din in eżami huwa wieħed limitat ħafna. L-uniku eżami li

[1] F'dan il-provediment imsejjaħ: "l-Avviż Legali".
[2] Fis-subartikoli(5), (6) u (7) tiegħu.
[3] Is-sottolinear huwa kollu tal-Qorti.

għandha tagħmel huwa dak li tivverifika li r-rekwiżieti tad-Direttiva ġew imħarsa.

Illi d-Drettiva li qed issir referenza għaliha hija id-Direttiva tal-Kunsill 2010/24/UE dwar l-Assistenza Reċiproka għall-Irkupru ta' Talbiet li għandhom x'jaqsmu ma' Taxxi, Dazji u Miżuri Oħra[4] liema direttiva ġiet implimentata fil-liġi Maltija permezz ta'l-Avviż.

Illi huwa stabbilit fil-ġurisprudenza li:

> *15. L-għan ewlieni wara din id-Direttiva, li ilha applikabbli fl-Unjoni Ewropea sa mill-1 ta' Jannar, 2012, huwa li ttejjeb il-kollaborazzjoni bejn l-awtoritajiet fiskali tal-pajjiżi stati membri sabiex b'hekk il-proċess ta' ġbir ta' taxxi f'ċirkostanzi 'l barra mill-fruntieri jiġi mħaffef fil-prattika u jiġi magħmul aktar effettiv. Li kien qiegħed jiġri huwa li persuni fiżiċi u ġuridiċi kienu qegħdin jaħarbu mill-obbligi fiskali tagħhom ġewwa l-pajjiż fejn kienu residenti, billi sempliċement jiċċaqalqu għal pajjiż ieħor. F'dan is-sens għalhekk, kien hemm bżonn li tittejjeb l-assistenza reċiproka bejn l-Istati Membri fil-qasam tal-ġbir tat-taxxi, ħalli b'hekk jitħarsu mhux biss l-interessi finanzjarji individwali tal-istati membri iżda jitħarsu wkoll l-interessi tas-suq intern, fl-Unjoni Ewropea kollha;*
>
> *16. Skont id-Direttiva, kif implimentata fil-Leġislazzjoni 460.08, din l-assistenza reċiproka tista' tieħu żewġ forom ewlenija: (i) bl-għoti ta' informazzjoni dwar id-debitur; jew inkella (ii) bl-irkupru tad-dejn f'isem l-awtorità applikanti jew bit-teħid ta' miżuri ta' prekawzjoni biex jiġi kkawtelat l-irkupru tad-dejn;*[5]

Illi aktar minn hekk huwa stabbilit ukoll li:

> *23. Bħala prinċipju, mhuwiex l-irwol ta' din il-qorti li toqgħod tistħarreġ il-kontenut tal-istrument uniformi li jippermetti l-infurzar, li mtela mill-awtoritajiet (Belġjani) għaliex kif jgħid*

---
[4] F'dan il-provediment imsejjħa;"id-Direttiva"

[5] Ref **Kummissarju tat-Taxxi vs Ricardo Diaz Y Fernandez**: Prim'Awla 4 ta' Marzu 2022.

*tajjeb Fabio Saponaro, Professur fid-dritt fiskali fl-Università degli Studi di Roma Unitelma Sapienza,*

> *«Il titolo uniforme permette l'immediata esecuzione della pretesa, senza la necessità di essere ulteriormente riconosciuto, completato o sostituito da parte dello Stato membro adito. Esso è sostanzialmente coincidente con il titolo esecutivo nazionale, seppur formalmente trasfuso in un format circolabile ed automaticamente riconoscibile tra gli Stati membri, tanto da permettere l'immediata esecuzione del credito fiscale in esso rappresentato. In questo caso, non si perviene ad un'uniformazione sostanziale dei titoli esecutivi degli Stati membri, che mantengono le loro originarie peculiarità, bensì ad una loro omogeneizzazione sul 6 piano formale ed effettuale. Tali strumenti, nel loro complesso, evidenziano, da un punto di vista pratico, come le forme di cooperazione tra le amministrazioni finanziarie nazionali e tra queste e la Commissione si combinino con il tentativo di assicurare l'attuazione effettiva del diritto tributario europeo (formale) e delle politiche di interesse sovranazionale.»*

*24. **Tassew immela, il-mili ta' dan l-istrument uniformi mill-istat applikant għandu jitqies bħala biżżejjed biex it-talba għall-ġbir tat-taxxa tkun tista' tiġi pproċessata fl-istat rikjest**, b'dana li dak l-istrument suppost m'għandux ikun soġġett għal kwalunkwe att ieħor ta' għarfien fl-istat rikjest;*[6]

Illi dwar meta, kif u f'liema ċirkostanza jista' jiġi kontestat strument uniformi, esprimiet ruħha din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kawża fuq ċitata, dan anke b'referenza għal ġurisprudenza in tema. Intqal hekk:

*26. Tajjeb li wieħed iqis ukoll li l-artikolu 14 tad-Direttiva 2010/24 u l-artikolu 12 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 460.08 **ma jippermettux li tiġi kkontestata l-legalità tad-deċiżjoni tal-***

[6] Op cit: **Kummissarju tat-Taxxi vs Ricardo Diaz Y Fernandez.** Is-sottolinear huwa ta' din il-Qorti.

***awtorità applikanti quddiem il-qrati tal-awtorità rikjesta.*** *Skont l-artikolu 14(1) tad-Direttiva 2010/24 u l-artikolu 12 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 460.08,* ***kull kontestazzjoni tal-istrument uniformi mimli minn awtorità kompetenti tal-istat applikant għandha titressaq quddiem il-qrati kompetenti ta' dak l-istat u mhux quddiem il-qrati tal-istat membru rikjest*** *(ara Il-Kummissarju tat-Taxxi v. Lottoland Limited deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-22 ta' April, 2021);*

*27. L-uniċi sitwazzjonijiet fejn* ***l-awtorità rikjesta <u>tista</u>' tirrifjuta*** *jew joqgħod lura milli tgħin lill-awtorità applikanta f'talba għall-irkupru ta' talba f'Malta, huwa fejn ikun hemm waħda miċ-ċirkostanzi msemmija fl-artikoli 9(4) u 13 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 460.08;*

*28. Dawn is-sitwazzjonijiet ta' rifjut ta' assistenza huma:*
*(i) fejn it-talba jew l-Istrument Li Jippermettu l-Infurzar tagħhom ikunu ġew ikkontestati fl-Istat Membru applikant u l-awtorità applikanti ma tkunx speċifikament talbet l-irkupru tat-talba kontestata jew parti minnha;*
*(ii) fejn l-awtorità applikanti ma tkunx inqdiet bir-rimedji proċedurali kollha li jkunu jeżistu fl-Istat Membru tagħha. F'każ bħal dan però, l-awtorità applikanti xorta waħda tista' tressaq talba għall-ġbir tat-taxxa, minkejja illi hi ma tkunx użat ir-rimedji nazzjonali kollha, jekk jintwera: (a) li d-debitur m'għandux attiv fl-istat membru applikant, (b) jekk l-attiv tad-debitur ma jkunx biżżejjed biex jagħmel tajjeb għat-talba b'mod sħiħ, (ċ) jekk l-awtorità applikanti tkun ġiet infurmata li d-debitur għandu attiv f'Malta, jew (d) jekk l-użu tal-proċeduri nazzjonali jwassal għal diffikultajiet sproporzjonati;*
*(iii) fejn l-irkupru tat-talba, fir-rigward tas-sitwazzjoni tad-debitur, toħloq diffikultajiet ekonomiċi jew soċjali serji fl-Istat Membru rikjest;*
*(iv) fejn it-talba għall-assistenza tkun dwar taxxa dovuta fl-Istat Membru applikant ħames snin qabel id-data tat-talba inizjali; u*
*(v) fejn it-talba tkun dwar taxxa taħt l-€1,500;*

*29. Fil-kawża C-34/17, fl-ismijiet Eamonn Donnellan v. The Revenue Commissioners deċiża fis-26 t'April, 2018, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, fuq talba għal deċiżjoni preliminari skont l-artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Qorti Għolja tal-Irlanda, tenniet li hija ġurisprudenza miżmuma li* ***l-limitazzjonijiet tal-prinċipju ta' fiduċja reċiproka għandhom jiġu interpretati b'mod dejjaq ħafna****. F'din l-istess sentenza però ġie miżmum illi,*

> *«L-Artikolu 14(1) u (2) tad-Direttiva tal-Kunsill 2010/24/UE tas-16 ta' Marzu 2010 dwar l-assistenza reċiproka għall-irkupru ta' talbiet relatati ma' taxxi, dazji u miżuri oħra, moqri fid-dawl tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, għandu jiġi interpretat fis-sens li huwa li huwa ma jipprekludix li awtorità ta' Stat Membru tirrifjuta l-eżekuzzjoni ta' talba għal irkupru dwar talba relatata ma' sanzjoni pekunjarja imposta fi Stat Membru ieħor, bħal dik in kwistjoni fil-kawża prinċipali, minħabba li d-deċiżjoni li timponi din is-sanzjoni ma tkunx ġiet debitament innotifikata lill-persuna kkonċernata qabel ma tkun saret it-talba għal irkupru lill-imsemmija awtorità skont din id-direttiva.»*

*30. Ifisser allura, li sakemm ma jirriżultawx dawk is-sitwazzjonijiet ta' rifjut ta' assistenza msemmija fil-liġi u sakemm ma jirriżultawx xi sitwazzjonijiet li jmorru kontra l-ordni pubbliku tal-pajjiż fejn qiegħda ssir it-talba għall-ġbir tat-taxxa (bħal per eżempju nuqqas ta' notifika tad-debitur, kif imsemmi f'din il-kawża ta' Donnellan), bħala regola ġenerali, jekk l-istrument uniformi jimtela kif għandu jkun, dan għandu jwassal għar-reġistrazzjoni tiegħu. Ara f'dan is-sens Il-Kummissarju tat-Taxxi v. Sascha Clemens Labudda deċiża mill-Prim'Awla talQorti Ċivili fit-13 ta' Lulju, 2018, Il-Kummissarju tat-Taxxi v. Millennium Arrow Ltd deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Frar, 2020, Kummissarju tatTaxxi v. Jonathan Driscoll deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-3 ta' Lulju, 2019, Kummissarju tat-Taxxi v. Roy Iwaniec deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-3*

*ta' Marzu, 2020 u Kummissarju tat-Taxxi v. Oberdan Chimenti deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-8 ta' Frar, 2022;*

*31. Xogħol il-qorti għalhekk f'talba għar-reġistrazzjoni ta' strument uniformi taħt l-artikolu 9(5) u (7) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 460.08 huwa biss dak ta' superviżur, għax suppost it-talba tal-awtorità applikanti tkun ġa ġiet mistħarrġa mill-Kummissarju tat-Taxxi bħala l-awtorità kompetenti, f'isem il-Ministru għall- Finanzi;*[7]

Illi dawn il-prinċipji ġew ċitati b'approvazzjoni mill-Qorti ta'l-Appell fis-sentenza mgħotija fit-18 ta' Jannar 2024 fil-kawża **Kummissarju tat-Taxxi vs Enetsport Service Limited** li żiedet tgħid hekk:

*36. Din il-Qorti taqbel hawnhekk bi sħiħ ma' dak imtenni mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-deċiżjoni Kummissarju tat-Taxxi v. Ricardo Diaz Y Fernandez mogħtija fl-4 ta' Marzu, 2022, illi x'aktarx din il-proċedura Maltija ta' reġistrazzjoni min-naħa tal-Qorti taħt l-Artikolu 9(5) u (7) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 460.08 lanqas ma hi meħtieġa għaliex suppost skont l-Artikolu 12(1) tad-Direttiva 2010/24/UE, l-istrument uniformi li jippermetti l-infurzar fl-Istat Membru rikjest m'għandux ikun soġġett għal kwalunkwe att ta' rikonoxximent, ta' suplement jew ta' sostituzzjoni f'dak l-istat membru rikjest.*

*37. Fis-sewwa skont l-Artikolu 14(2) tad-Direttiva 2010/24/UE, kif implimentat fl-Artikolu 12(1) u (3) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 460.08,* ***il-qorti tal-istat membru rikjest huwa mitlub li jidħol fix-xena biss fejn ikun hemm tilwim dwar il-miżuri ta' infurzar li jittieħdu fl-istat membru rikjest jew tilwim dwar il-validità tan-notifika li tkun saret minn awtorità kompetenti tal-istat membru rikjest.***[8]

*38. Jiġi b'hekk, li strettament ir-reġistrazzjoni tal-istrument uniformi li jippermetti l-infurzar m'għandux għalfejn ikollu l-barka tal-Qorti biex jingħata s-saħħa ta' titlu ezekuttiv. Dik is-saħħa għandha toħroġ*

[7] Is-sottolinear huwa kollu ta' din il-Qorti.
[8] Is-sottolinear huwa ta' din il-Qorti.

*waħidha mil-Leġislazzjoni Sussidjarja 460.08, kif wara kollox trid id-Direttiva 2010/24/UE.*

Illi minn dan huwa ċar li la darba hija l-awtorita rikjesta[9] li ngħatat id-diskrezzjoni li tiddeċċiedi tagħtix l-assistenza meta jkunu jeżistu c-cirkostanzi elenkati f'l-artikolu 13 ta' l-Avviż Legali, meta l-awtorita rikjesta tagħżel li tagħti assistenza, anke jekk jeżistu dawk iċ-ċirkostanzi, la darba l-Qorti tkun sodisfatta li l-istrument uniformi jkun fih l-informazzjoni kollha rikjesta skond id-Direttiva u ċioe informazzjoni dwar in-natura u l-ammont ta' taxxa li hija dovuta u dwar l-identifikazzjoni tad-debitur, il-Qorti għanda tipproċedi billi tirreġistra dak l-istrument. Dan għaliex kif diġa ntqal aktar 'l fuq skond l-artikolu 9 ta'l-Avviż Legali talba mill-awtorita rikjesta lil din il-Qorti issir biex tordna r-reġistrazzjoni u biex tiddikjara li r-rekwiżiti rilevanti tad-Direttiva jkunu ġew imħarsa.

Illi dan ma jfissirx li debitur m'għandhux rimedju jekk iħoss ruħu aġġravat b'dak l-istrument uniformi u l-esekuzzjoni tiegħu. Pero kwalunkwe kontestazzjoni li tmur oltre l-informazzjoni li għandha tkun inkluża f'l-istrument u kif dan jiġi redatt ma tistax titqajjem in via d'eċċezzjoni f'talba għar-reġistrazzjoni ta' dak l-istrument. Il-kontestazzjoni trid issir permezz ta' proċeduri ad hoc, f'Istat applikant jew f'l-Istat rikjest skond liema hija l-bażi tal-kontestazzjoni kif stabbilit fl-artikolu 12 tal-Avviż Legali u l-artikolu 14 tad-Direttiva. Dan ukoll ġie ikkonfermat mill-Qorti ta'l-Appell fis-sentenza ċitata **Kummissarju tat-Taxxi vs Enetsport Service Limited.**

Ikkunsidrat

Illi, kif indikat fir-rikors promotur u kif jirriżulta mid-dokumenti annessi ma' dak ir-rikors, l-awtorita kompetenti Daniża, l-awtorita applikant, talbet l-assistenza ta'l-awtoriatjiet Maltin biex tiġi rkuprata taxxa fl-ammont ta' miljun, sitt mija, tnejn u għoxrin elf, ħames mija, erbgħa u tmenin u sitta u disgħin Krona Daniża (DKK 1,622,584.96) li huma ekwivalenti għal mitejn u sbattax-il-elf, tmien mija u wieħed u tmenin Ewro u ħamsa u erbgħin ċenteżmi (€217,881.45), dovuta mill-intimat lill-awtorita applikanti Daniża.

[9] Għal kull bon fini jingħad li f'dan il-kuntest fil-waqt li d-Direttiva tirreferi għal "awtorita rikjesta" l-Avviz Legali jirreferi għall-"Istat membru rikjest".

Illi l-intimat da parti tiegħu qed joġġezzjona għar-reġistrazzjoni ta'l-istrumenti uniformi għal diversi raġunijiet.

Illi f'l-ewwel oġġezzjoni tiegħu l-intimat jgħid li r-rikorrent ghandu jġib prova li huwa għandu l-awtorita biex jagħmel din it-talba. Kif intqal aktar 'l fuq ir-rikorrent preżenta kopja ta' l-ordni mgħoti skond l-artikolu 4(1) ta'l-Avviż Leġali 153 tas-sena 2012; din hija prova suffiċjenti ta'l-awtorita tiegħu.

Illi permezz ta'l-oġġezzjonijiet l-oħra, in suċċint:

- jgħid li it-talbiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt u li huwa qed jikkontesta l-imsemmija talbiet;
- jilmenta dwar in-nuqqas ta' notifika tad-dokumenti rilevanti relatati ma'l-imsemmija talbiet;
- jgħid li r-rikorrent kellu jġib prova tal-istrumenti li jippermettu l-infurzar fid-Danimarka u li dawn ġew notifikati lilu;
- jgħid li l-proċedura odjerna tilledi d-dritt tiegħu għal smigh xieraq peress li ma ngħatax spjega tat-taxxa dovuta u allura qiegħed f'l-impossibilita li jirregola l-pożizzjoni u-difiża tiegħu;
- jgħid li r-rikorrent qed jipprova jenforza diversi strumenti uniformi li huma separati u distinti minn xulxin u għalhekk kellhom isiru proċeduri separati għal kull strument;
- jgħid li uħud mill-istrumenti li tagħhom qed tintalab ir-riġistrazzjoni huma għal ammonti insinjifikanti, li t-talba hija preskritta u fi kwalunkwe każ għaddew aktar minn għaxar snin mid-data dovuta tat-talba fl-Istat Membru applikanti; u
- jgħid li t-teħid ta' azzjoni wara d-dekors ta' għaxar snin huwa bi ksur tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta'l-Unjoni Ewropea.

Illi pero0 d-determinazzjoni ta' dawn l-oġġezzjonijiet tmur 'l hemm mill-eżerċizzju li għandu jsir f'dawn il-proċeduri għaliex l-ebda waħda minnhom ma tirrigwarda l-informazzjoni inklużа f'l-istrumenti li tagħhom qed tintalab ir-reġistrazzjoni. Konsegwentement l-Qorti ma tistax toħodhom in konsiderazzjoni f'dawn il-proċeduri.

Illi għaldaqstant, sodisfatta li l-istrumenti uniformi annessi mar-rikors promotur fihom l-informazzjoni kollha rikjesta mid-Direttiva, il-Qorti hija

sodisfatta ukoll li t-talba tal-Kummissarju għar-reġistrazzjoni ta' dawk l-istrumenti uniformi għandha tiġi milqugħa.

Għal dawn il-motivi l-Qorti tqata u tiddeċidi billi tilqa' t-talba tal-Kummissarju tat-Taxxi u tordna r-reġistrazzjoni tal-Istrumenti Uniformi Li Jippermettu l-Infurzar annessi mar-rkors promotur skont l-artikolu 9(6) u (7) ta'l-Avviż Legali 153 tas-sena 2012, sabiex tali dokumenti jitqiesu bħala titlu esekuttiv f'Malta[10].

**DR. DOREEN CLARKE**
**IMĦALLEF**

**MARVIC PSAILA**
**DEPUTAT REĠISTRATUR**

[10] It-talba għan-notifika tad-dokumenti ġia ġiet milqugħa bid-degriet mgħoti fit-12 ta' Settembru 2023 u fil-fatt l-intimat ġie notifikat bid-dokumenti f'l-20 ta' Ottubru 2023.